FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 26 TA' FRAR, 1996

Avviz Nru. 20/95

The Performing Right Society Ltd

vs

Calleja Michael

It-Tribunal:

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Ottubru, 1996, fejn intalab:

Hlas ta' "royalty" fl-ammont ta' Sittin Liri Maltija, (Lm60), u Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-ammont ta' Disghin Liri Maltija, Lm9, dovuti bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja numru 8738 Dok.A. rilaxxata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Drive Inn Bar, Triq it-Tamar, Qawra, ghall-perijodu mis-6 ta' Lulju, 1995, sal-5 ta' Lulju, 1996; kif ukoll il-hlas tal-imghax dovut fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relativa sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-Avviz komprizi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Settembru, 1995 mahruga kontra l-konvenut:

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta fir-rigward ghalkemm deher u kkontesta it-talba attrici billi qal li -ammont pretiz minnu huwa ezagerat mehud in kunsiderazzjoni l-fatt li hu ghandu muzika biss; u

Semgha x-xhieda ta' Dr. Kevin Dingli ghas-socjeta attrici, u tal-konvenut Michael Calleja:

Ha konjizzjoni tad-dokumenti ezebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz:

Ikkunsidra li:

Skond ma xehed Dr. Dingli, Direttur tas-Socjeta attrici, il-hlas tal-licenzja kienet tirrigwarda tal-"karaoke performances" fl-imsemmi stabbiliment tal-

konvenut. Mal-avviz gie pprezentat l-kuntratt Dok.A. datat 8 ta' Lulju, 1992, ffirmat mill-partijiet, li permezz tieghu l-istess kellu licenzja ghall-karaoke. u l-licenzja kienet ta' Hamsin Lira Maltija Lm50. L-attur ezebixxa statement Dok.B dwar pagamenti effettwati mill-konvenut, li minnu jirrizulta li mis-sena 1993 il-konvenut kien beda jhallas bir-rata ta' sittin Lira Maltija Lm60 fis-sena, u cioe rata li kienet giet accettata mill-istess konvenut.

Il-konvenut qed jghid li kulhadd kien jghidlu li qed ihallas wisq, u li hu ghandu muzika biss, u ghalhekk ghandu jhallas biss ta' din.

Jirrizulta soddisfacentament li dik it-tariffa ta' Sittin Lira Maltija Lm60 ma kienetx giet kontestata mill-konvenut fis-snin precedenti, u jirrizulta inoltre li l-licenzja ma kienetx ghall-muzika biss, izda ghall-"karaoke" li ghalih kien hemm tariffa apposita, liema tariffa kienet giet accettata mill-istess konvenut u mhallsa kif ga inghad. Ghaldaqstant it-talba attrici hija gustifikata; u

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi:

illi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Disghin u sittin Liri Maltija Lm69, dovuti in kwantu ghall-hlas ta' "royalty" fl-ammont ta'Sittin Liri Maltija, Lm60, u fl-ammont ta' Disghin Liri Maltija Lm9 Taxxa fuq il-Valur Mizjud, dovuti bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja rigwardanti l-istabbiliment Drive Inn Bar, ghall-perijodu mis-6 ta' Lulju, 1995, sal-5 ta' Lulju, 1996; kif ukoll il-hlas tal-imghax dovut fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relativa sal-hlas effettiv, u l-ispejjez tal-Avviz komprizi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Settembru, 1995, kontra l-konvenut.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

Avv Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur.

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.